StudentBounty.com

Kulleġġ Santa Tereża

PARVA PARVORUM PULCHRA

EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA TAL-ISKEJJEL PRIMARJI 2013

IS-SITT SENA MALTI (IL-QARI) ĦIN: SIEGĦA

Isem: ______________________________ Klassi:______________

| | |
|---|---|
| Marka tal-istudent/a | |
| Marka ta' din it-taqsima | 30 marka |

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u kunjomok kif ukoll il-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb. Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.



Malti 2013

www.StudentBounty.com

**L-Ewwel Taqsima** **10 mark**

StudentBounty.com

**1. Ħares sewwa lejn l-istampa mogħtija. Wara aqra s-sentenzi dwar din l-istampa u mmarka b'√ fil-kaxxa tal-veru jew tal-falz. L-ewwel waħda hija eżempju.**



| | | VERU | FALZ |
|---|---|---|---|
| 0. | Din l-istampa turi l-kamra tas-salott. | | √ |
| 1. | Din il-kamra fiha żewġt itwieqi. | | |
| 2. | Waħda mill-bibien tal-gwardarobba hija miftuħa. | | |
| 3. | Il-gwardarobba hija kompletament vojta. | | |
| 4. | Fuq is-sodda hemm gazzetta sportiva. | | |
| 5. | Taħt is-siġġu hemm basket tal-iskola. | | |
| 6. | Fuq l-iskrivanija hemm il-kompjuter biss. | | |
| 7. | Min jorqod f'din il-kamra hija persuna ordnata. | | |
| 8. | Min jorqod f'din il-kamra iħobb ħafna l-isports. | | |
| 9. | F'din il-kamra tista' torqod persuna waħda. | | |
| 10. | Min jorqod f'din il-kamra jħobb jisma' l-mużika. | | |

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

## It-Tieni Taqsima (20 marks)

**Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.**

**L-Ewwel Parti**

Mario kien fil-librerija tal-iskola x'ħin reġa' lemaħ lill-'Bobby'. Kien wieqaf ftit passi 'l bogħod minnu, dahru lejh jitkellem ma' xi subien twal bħalu. Il-qmis minn wara kienet nofsha maħruġa mill-qalziet. Xahru ftit twil u mgerfex kien jgħatti l-għonq tal-qmis. Mario ħass imsarnu jinżlu f'saqajh u jdejh li kienu qed iżommu ktieb tax-xjenza dlonk kesħu silġ u bdew jirtogħdu. X'se jaqbad jagħmel? Jekk il-'Bobby' jarah, żgur li jiġi jaqbad miegħu bħas-soltu. Fetaħ il-ktieb kemm kemm u deffes rasu ġol-ktieb biex jaħbi wiċċu. ***(par. 1)***



Mario ħassu rrabjat miegħu nnifsu. Kemm se jdum jaħrab lill-'Bobby'? Kif qatt ma tkellem m'ommu jew mal-għalliema dwar x'kien qed jiġri l-iskola? Kemm se jdum jissaporti? Robert, għax hekk kien jismu proprja il-'Bobby', kien ilu mqabbad miegħu għal xejn b'xejn mill-ħames sena tal-primarja u issa kien fl-istess skola miegħu fl-ewwel sena sekondarja. Almenu mhux fl-istess klassi. Fil-primarja għamillu ħajtu nfern: qattagħlu pitazzi, remielu lapsijiet, gideb fuqu ma' sħabu, ħadlu l-*lunch* kemm-il darba, seraqlu l-istampi kollha tal-futbol u mitt elf ħaġa oħra. Din is-sena, l-biċċa kienet tidher li se tkun differenti għalkemm kien għadu l-ewwel ftit tal-ewwel *term*. Mal-'Bobby' kien jiltaqa' biss għal ħin tat-trasport. Lanqas waqt il-brejk ma' kien jarah għax Mario kien fil-klabb taċ-ċess u fil-brejk is-Sur Caruana kien ilaqqa' lill-istudenti fil-klassi tiegħu. F'dan il-ħin Mario kien iħossu protett. Mas-Sur Caruana kien imur tajjeb. ***(par. 2)***

Il-'Bobby' kien ivvinta laqam għal Mario. Kien isejjaħlu 'Ġurdienu'. Bil-ktieb tax-xjenza f'idu, Mario ħaseb li l-'Bobby' ma setax jivvintalu laqam aħjar minn dan. L-ewwelnett Mario kien tifel żgħir għall-età tiegħu – l-iċken fid-daqs mill-istudenti tal-iskola kollha - u t-tieninett kien iġib ruħu eżatt bħal ġurdien, dejjem jaħrab u jipprova jiżgiċċa lill-'Bobby'. ***(par. 3)***

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

Minkejja li l-librerija kienet mimlija daqs bajda bl-istudenti, Mario ħassu waħdu. F'daqqa waħda ġieh ħsieb f'moħħu li jistaħba wara l-ixkaffar tal-kotba. Il-'Bobby' żgur li ma ġiex fil-librerija biex ifittex kotba tax-xjenza. Dawk ma kinux jinteressawh. Minn din il-parti il-'Bobby' żgur li ma kienx ser jarah. Hekk għamel, mexa lejn in-nofs tal-ixkaffar u tbaxxa kokka taparsi qed jinteressawh il-kotba t'isfelnett. ***(par. 4)***

**A. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

*(1/2 marka 'l waħda)*

**1. Immarka t-tweġiba t-tajba skont dak li qrajt billi tagħmel X fil-kaxxa.**

**i) Din is-silta hija fuq:**

| | |
|---|---|
| **żewġ subien li huma ħbieb ħafna.** | |
| **tifel li huwa mqabbad ma' tifel ieħor.** | **X** |
| **tifel li qed jaħbi sigriet.** | |

**ii) Għaliex il-'Bobby' ma setax jara lil Mario mill-ewwel fil-librerija?**

| | |
|---|---|
| Għax ma kienx jaf li Mario qiegħed fil-librerija. | |
| Għax il-'Bobby' kien qed ifittex ktieb ma' sħabu. | |
| Għax il-'Bobby' kien qed jitkellem ma' sħabu b'dahru lejn Mario. | |

**iii) Mario kien jiltaqa' biss mal-'Bobby'**

| | |
|---|---|
| waqt il-ħin tat-trasport. | |
| waqt il-lezzjonijiet fil-klassi. | |
| waqt il-brejk. | |

www.StudentBounty.com

2. **Ikteb żewġ frażijiet mill-ewwel paragrafu li juru li Mario beża tassew meta lemaħ lill-'Bobby'.**

_______________________________________________

_______________________________________________

*(2 marki)*

3. **Il-'Bobby' għamel il-ħajja ta' Mario infern. Semmi tliet eżempji mis-silta.**

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

*(3 marki)*

4. **Semmi żewġ raġunijiet għala Mario kien jemmen li l-laqam 'Ġurdienu' li vvintalu l-'Bobby' kien tassew jixraqlu.**

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

*(2marki)*

5. **X'għamel Mario biex il-'Bobby' żgur ma jarahx?**

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

*(2 marki)*

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

**It-Tieni Parti**

Is-sekondi li dam baxxut quddiem l-ixkaffar, Mario rahom siegħat. Kien għeja bilqiegħda kokka. Għamel il-qalb u resaq fit-tarf biex jara jekk il-'Bobby' kienx għadu wieqaf fl-istess post jew telaqx mil-librerija. Lanqas laħaq xiref rasu minn wara l-ixkaffar, li għajnejh ma jiġux wiċċ imb'wiċċ mal-'Bobby'. Għajnejn il-'Bobby' kienu qishom ta' dragun ifferoċjat. Il-'Bobby' mexa bil-lajma lejh u aktar kemm jimxi b'dik il-lajma nkejjuża, Mario aktar beda jibża'. Miegħu mxew sħabu, erba' galantomi tal-istess karattru. ***(par. 5)***

Il-'Bobby' tbaxxa kokka wkoll. Mario ħass qalbu se tieqaf. 'Għalxejn tipprova tistaħba, ja ġurdienu? Jien insibek żgur! Ġejt **infittxek** għax għandi bżonn pjaċir mingħandek. Irridek taħdimli x-xogħol tad-dar tal-Matematika s'għada! U jekk ma tagħmilulhiex b'rasek idur! Fhimt!' qal il-Bobby b'theddida. ***(par. 6)***

Għalkemm kienet il-kesħa, Mario ħass l-għaraq ixoqq għalih. Issa ż-żejjed. Mario ħass li issa ma jridx jibża' aktar minn dan it-tifel ardit. Ħares ċass lejh u b'kuraġġ qallu, 'Jien miniex tajjeb fil-Matematika. Ma nistax ngħinek. Jekk ma fhimtx xi ħaġa staqsi lill-għalliema biex terġa' tispjegalek. X'se tieħu jekk nagħmilulek jien jew xi ħadd ieħor? Mhux xorta ma tkun tgħallimt xejn!' ***(par. 7)***

Il-'Bobby' inħasad. Ma stenniex tweġiba fil-pront mingħand 'Ġurdienu'. 'Dan minn meta sirt titkellem hekk? Mindu qed taqra l-kotba tax-xjenza?' ***(par. 8)***

Mario qam jiġri minn kokka. Ħares fiss f'għajnejn il-'Bobby'. Wiċċ il-'Bobby' kien aħmar nar – jew bir-rabja jew bil-mistħija li waqa' għaċ-ċajt quddiem sħabu. Għal mument Mario ħaseb li issa l-'Bobby' qed jibża' minnu. U b'pass meqjus mar għand il-librar biex ikun jista' jissellef il-ktieb tax-xjenza. Il-'Bobby' u sħabu baqgħu weqfin iċċassati. Naqra ta' ġurdienu rnexxielu jerġa' **jiżgiċċalhom**. ***(par. 9)***

**B. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

**6. Għaliex il-'Bobby' mar ifittex lil Mario?**

________________________________________________________

________________________________________________________

*(1 marka)*

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

7. **Ikteb is-sentenza minn paragrafu 7 li turi li Mario beża' minn dak li kien qallu l-'Bobby'?**

___

___

*(1 marka)*

8. **Għaliex il-'Bobby' nħasad b'li qallu Mario?**

___

___

*(1 marka)*

9. **Semmi żewġ raġunijiet għaliex wiċċ il-Bobby seta' sar aħmar nar.**

___

___

*(2 marki)*

10. **Imla l-vojt b'ismijiet biex turi li fhimt għal min qed jirreferi dan il-kliem:**

**infittxek** ***(par. 6)***

________________ mar ifittex lil ____________________

**jiżgiċċalhom** ***(par. 9)***

__________________ żgiċċa lil ___________________ u sħabu.

*(½ marka X 4 = 2 marki)*

11. **Sib mis-silta espressjonijiet li jfissru:**

| | | |
|---|---|---|
| a | ħareġ kemm kemm rasu 'l barra ***(par. 5)*** | |
| b | ħażin għalik ***(par. 6)*** | |
| ċ | tifel kiesaħ ***(par. 7)*** | |

*(3 marki)*

**TMIEM IL-KARTA**

www.StudentBounty.com